# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 73

KAZ NRU. 89

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Daniel Borg
u
Messrs. Malseeds Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Chairman : Mr G.A. Craig

B'ittra tal-20 t'April, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Daniel Borg mill-Kumpanija Messrs. Malseeds Limited, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Richard A. Matrenza, D.Pol. Econ.. (Oxon.) F.R. Econ.S., M.I.M., fil-waqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur E.I. Galea, Manager ta' l-istess Kumpanija.

3. Statements of Case - Ghall-appellant gie sottomess li Daniel Borg beda jahdem mall-Kumpanija fit-23 ta' Frar, 1976 bhala Inspector of Crops. Il-Kumpanija la qatt taghtu kuntratt ta' xoghol bil-miktub, la qatt qalulu x'kienu d-drittijiet u d-dmirijiet tieghu u qatt inqas ma spjegawlu x' kellu jkun ezattament ix-xoghol tieghu, minghajr ma tawh

/2. .....

tahrig x'jimplika u inqas 'induction training' izda minn mument ghall-iehor jghidulu x'inhu mistenni minnu. B'dana kollu hu ghadda l-perijodu ta' 'probation' u baqa' jahdem mall-Kumpanija ghal izjed minn tlett snin u nofs meta minghajr l-anqas qatt ma nghata ebda twissija kif dejjem esprima ruhu ripetutament it-Tribunal u kif stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xoghol, gie mkecci hesrem fit-13 ta' Settembru 1979. Ghalhekk l-appellant jitlob li l-Kumpanija tohrog certifikat ta' temm ta' mpieg nadif u kumpens finanzjarju ghad-danni li sofra b' rizultat tat-tkeccija li hu jsostni li ma kienetx gusta.

4. Ghall-Kumpanija is-Sur E.I. Galea sostna li l-appellant gie mkecci ghal ragunijiet validi u gusti bhal :

a) Naqas li jzomm 'records' precizi tal-Kumpanija bhal ma kien mitlub;

b) Naqas li jirraporta sensiela ta' 'failures' li kienu jirrigwardaw ditta ta' barra wahda bir-rizultat li din id-ditta ma kienetx avzata fil-hin li l-Kumpanija ma setghetx izzomm il-kuntratt li kellha maghha ghal hames varjetajiet ta' zerriegha tal-fjuri ghax dawn fallew. F'dan il-kaz partikolari fl-ewwel gimgha ta' Settembru, 1979, l-appellant gie mwissi li kellu jaghmel xogholu kif ordnat li jaghmlu jew jitlaq u ghal din it-twissija wiegeb ghal darba tlett darbiet "keccuni". Il-korrispondenza fuq dan is-suggett giet esebita (Dok. B).

c) Naqas li jigbor iz-zerriegha minn ghand il-bdiewa Ghawdex f'Gunju minkejja li gie mwissi ripetutament li dan kien ta' hsara ghall-Kumpanija u sa Settembru iz-zerriegha kienet ghadha mhux migbura;

d) Ghax-xahar ta' Awissu, 1979, ipprezenta talba ghal hlas ta' sahra ta' 118 (mija u tmintax) il-siegha tieghu, 98 (tmienja u disghin) siegha u 48 (tmienja u erbghin) siegha ghal zewg assistenti tieghu, minkejja li kien stagun xott u l-hsad baxx hafna; kopja tal-kitba giet esebita (Dok. B II);

e) Ghall-istess xahar talab £24 (erba' u ghoxrin lira) spejjez ta' petrol meta f'dan ix-xahar ma ngabritx zerriegha minn ghand il-bdiewa meta hu kien gewwa taht is-saqaf jistenna z-zerriegha tinxef, kontra l-istruzzjonijiet moghtija lilu. Dan ammettieh quddiem il-Bord tad-Diretturi;

f) Giet esebita kopja ta' ittra mill-Manager tal-Kumpanija lill-appellant, bid-data tat-13 ta' Settembru 1979, fejn gew moghtija lilu certi akkuzi u biex jidher quddiem il-Bord tad-Diretturi fit-18 ta' Settembru, u jiggustifika ghemilu (Dok B 13). Giet esebita wkoll kopja ta' ittra lill-appellant bid-data tad-19 ta' Settembru 1979, fejn gie nfurmat li d-Diretturi iddecidew li jitterminawlu l-impieg (Dok B 12).

5. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda :

Paul Zammit u Cristin Sciberras
waqt li ghall-Kumpanija nstemghu tlett xhieda :
Laurence Farrugia, C. Zammit Marmara, M.B.E., Edward Galea.

6. <u>Xhieda fil-qosor</u> - <u>Paul Zammit</u> qal li hu kien jara lill-appellant ghand Magro Brothers Ghawdex, kif wkoll lill-impjegati li kellu mieghu. Ma kienx jaf ix-xoghol tieghu x'kien, u inqas id-dmirijiet. Kien jaf li huma kienu jiehdu hsieb iz-zerriegha.Meta ma kienx ikun hemm tadam ma kienx ikun hemm zerriegha. Fuq l-appellant ma setax jghid wisq ghax ma kienx ikun ghassa tieghu ghaliex ma kienx jaqa' tahtu.

7. Cristin Sciberras qal li kellu wicc ta' zerriegha, li ma jafx ghaliex ma ntaqax ma l-appellant, kien wicc gdid ghalih u kellu jarmieh. Kien ghall-habta ta' Gunju, 1979, u kien qal b'dan lill-Manager u gerger. Ipprova jfittex lill-appellant, izda ma ltaqghax mieghu. Fil-kontro-ezami qal li l-Manager kien imur jara x'hemm bzonn u wara beda jiehu mieghu lill-appellant u iehor mieghu. Ftakar ukoll li l-Manager kien jghid lill-appellant biex joqghod attent ghal dak li jista' jigri jekk isir it-tahlit.

8. Laurence Farrugia. Direttur tal-Malseeds Ltd. ikkonferma li meta l-appellant kien gie msejjah quddiem il-Bord tad-Diretturi bl-ittra tat-13 ta' Settembru, 1979, fejn kellu lista ta' nuqqasijiet biex jiddefendi ruhu, dan minflok ammetta kollox.

9. Carmelo Zammit Marmara. Direttur tal-Malseeds Ltd. qal li l-ittra tat-13 ta' Settembru, 1979, inkitbet ghax kienu mdejqin bl-appellant tant li wiehed mid-Diretturi qal li jekk il-Manager ma jkeccihx jispicca biex ikollu jirraporta lill-Manager "ghaliex qed jaghmel iz-zejjed". Zied jghid li dik in-nhar tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi, l-ittra giet imfissra wkoll bil-Malti u lill-appellant qalulu biex jiehu punt punt izda dan ma qalx hlief "Ghandkom ragun", u wara li raw li ma kellux xejn biex jiddefendi ruhu, l-appellant irtira u huma iddeliberaw bejniethom. Ix-xhud spjega l-kaz li kellhom tad-Ditta King ta' l-Ingilterra u n-nuqqas serju ta' l-appellant f'dan il-kaz u l-konsegwenzi ghall-Kumpanija. Zied jghid ix-xhud li dan seta' ma garax kieku l-appellant irraporta fiz-zmien li kellu jirraporta ghax kieku kien ikun hemm ic-'chance' li l-bidwi jerga' jizra. Ix-xhud qal li hu stess kien jiftahlu ghajnejh lill-appellant izda fl-opinjoni tieghu l-appellant ma kienx qed jinteressa ruhu.

10. Edward I. Galea. General Manager tal-Kumpanija, spjega x-xoghol li kellu l-appellant li kien wiehed ta' attenzjoni u li traskuragni tfisser telfien ta' stagun barra mid-dizappuntament tal-klijenti li mhux hága tajba ghall-isem u l-interessi tal-Kumpanija. Hu kien jittollerahom certi zbalji, izda certu xoghol, li kellu jsir kellu jsir bhal 'records' u 'crop reports' u l-incident tad-Ditta King kien serju u hu kien tah struzzjonijiet specifici fuq dan u l-appellant mhux biss ma hax hsieb imma wkoll naqas anki li jirrapporta u meta widdbu serjament u qallu "jew taghmel dak li qed nghidlek jiena jew inkella itlaq irrizenja" l-appellant wiegbu "Keccieni", u wara li dan gara ghal tlett darbiet ix-xhud qallu "illum qed naghtik alternattiva, darb'ohra nkeccik" u dan flok beda jmur ghall-ahjar beda jsir aktar arroganti u kien ghalhekk, qal ix-xhud, li hu ma setghax jaqbez ghalih quddiem il-Bord tad-Diretturi. Ix-xhud zied jghid ukoll li hu kien canfru serjament hafna drabi bit-tama li jikkoregi ruhu izda ghal xejn u li waslet dirett lill-Bord kienet fl-ahhar.

11. Sottomissjonijiet finali. Is-Sur Richard A. Matrenza ghall-appellant issottometta li din it-tkeccija kienet ingusta imma wkoll tmur kontra l-ispirtu u l-hsieb tal-ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. Tenna jghid li l-kastig estrem tat-tkeccija kif iddeskrivih ripetutament it-Tribunal̃zgur li ma kienx imissu sar f' dan il-kaz ghal hafna ragunijiet fosthom li fil-fehma tieghu deher mix-xhieda li l-Kumpanija kienet imhexxija fuq sistema paternalistika. Lill-appellant qatt ma tawh tahrig fix-xoghol tieghu delikat u din l-istess inefficjenza l-Kumpanija riedet iddawwarha u tghabbi l-htija fuq l-appellant. Il-Kumpanija ma kellha ebda sistema ta' "warnings" jew canfir biex l-impjegat ikun jista' jara xi nuqqasijiet tieghu u ghal dan esebixxa

"Sample Disciplinary Code" mibni fuq principji stabbiliti mill-Institute of Supervisory Management" biex juri kemm naqset il-Kumpanija f'dan il-kaz. L-appellant ircieva l-ittra minlija akkuzi dwar in-nuqqasijiet tieghu fiz-17 ta' Settembru 1979, biex jidher l-ghada quddiem il-Bord tad-Dirutturi, u dan deher minghajr ma kellu min jiddefendih skond il-gustizzja. Sostna li l-principji li hemm fir-Rakkomandazzjoni Numru 119 tal-Organizazzjoni Internazzjonali tax-Xoghol kienu cari u kellhom jigu applikati f'dan il-kaz, u kien ghalhekk li, qabel ma l-Kumpanija waslet biex tiehu dan il-pass li tapplika l-kastig estrem tat-tkeccija, din kellha qabel xejn tezawrixxi l-metodi l-ohra kollha ta' kastigi u kien ghalhekk li kien qed jintalab li l-appellant jigi moghti certifikat nadif ta' temm ta' mpieg u gew sottomessi t-termini precizi kif kellu jkun dan ic-certifikat.

12. Ghall-Kumpanija is-Sur Edward I. Galea ssottometta illi l-appellant dahal jahdem mal-Kumpanija fi Frar tal-1976. Il-Kumpanija kienet wahda li kellha x'taqsam ma' xoghol ta' zerriegha ghall-esportazzjoni - xoghol delikat li kellu ta' bil-fors li jkun hemm l-akbar efficjenza biex wiehed jikkonforma mar-regoli u tal-EEC, xoghol ta' responsabbilita' u hila u ghalhekk ma setax ikun li l-Kumpanija ma ghalmitux lill-appellant it-teknika ta' dan ix-xoghol qabel ma fdatu wahdu u mix-xhieda ta' Cristin Sciberras (pagna 12) dan hareg car.Esebixxa wkoll dokumenti (Doks. D5 sa Dok D16) li juru li x-xoghol kollu kif kellu jsir bil-formoli kollha mehtiega li bniedem ta' intelligenza normali kien isibhom ta' ghajnuna kbira u dawn kienu fil-pussess ta' l-appellant. Dan juri li kellu mhux biss it-tahrig mehtieg imma anki li s-sistema tal-Kumpanija kienet altru li tajba u jekk wara tlett snin u seba' xhur l-appellant kien ghadu ma darax juri kemm

kienet gustifikata l-Kumpanija li titterminalu l-impieg. Anki meta kien l-Ingilterra l-Kumpanija kienet irrangatlu biex imur jara certu xoghol ghand id-ditti izda dan ma marx. Mix-xhieda u d-dokumenti prezentati juru li l-appellant kellu mhux biss tahrig prattiku izda anki verbali minn ghand Diretturi u l-Manager. Sostna li lill-appellant kienu tawh twissijiet bil-fomm kif ukoll bil-miktub u esebixxa ittra bid-data tat-30 t'Awissu 1977 li fiha l-appellant gie mcanfar serjament (Dok. D3) . Kien l-appellant li darba dahhal il-Kumpanija il-Qorti u tilef il-kawza u dan kontinwament injora kwalunkwe parir u twiddib. Dwar il-kwalita' ta' xoghol kien bizzejjed wiehed isemmi l-kaz ta' E.W. King & Co. (Dok. B 1) il-kazi msemmijin fl-ahhar zewg paragrafi ta' l-ittra tat-13 ta' Settembru 1979 (Dok. B 13). Sostna wkoll li l-ittra tat-13 ta' Settembru 1979 mibghuta lill-appellant Ghawdex waslitlu lejliet ghaliex hadd ma seta' jsibu Ghawdex u inqas ma halla messagg fejn seta' jinstab. Kien l-appellant li naqas mhux il-Kumpanija. Fil-fatt il-Kumpanija ghamlet minn kollox biex tiftahlu ghajnejh bi kwalunkwe mod biex izomm l-impieg izda dan tilef ic-'chances' kollha ghax kien hemm limitu. L-impjegat ghandu drittijiet u dmirijiet. Il-Kumpanija sostniet li mix-xhieda u dokumenti johrog car li l-appellant ma obdiex l-ordnijiet legittimi tas-superjuri tieghu, kien irresponsabbli, arroganti, traskurat u negligenti u ghalhekk il-Kumpanija wara li danet tittratta lill-appellant bil-kelma t-tajba, u wara li hu accetta n-nuqqasijiet tieghu quddiem il-Bord tad-Diretturi, ssostni li din kienet tkeccija ghal ragunijiet gusti u sufficjenti wara twissijiet bil-fomm u bil-miktub, u ghalhekk mhux biss ma thallas ebda danni imma inqas ma taghti certifikat li fih ma jkunx hemm hlief il-fatti.

13. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. It-Tribunal ha in kunsiderazzjoni dak kollu li rrizulta mill-provi u dak li ssottomettew il-partijiet. Mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta li l-appellant, apparti li quddiem il-Bord tad-Diretturi ammetta n-nuqqasijiet kollha li kienu elenkati fl-ittra mibghuta lilu fit-13 ta' Settembru, 1979, ghamel zmien li ma tax l-attenzjoni tieghu bizzejjed fuq xoghol li kien jinhtieg l-aktar attenzjoni, kif spjegat tant tajjeb il-Kumpanija fl-esibiti ma l-appendici "A" attaccjati mas-sottomissjonijiet finali, u ma tul ix-xhieda, It-Tribunal ta kaz hafna ta' dak kollu li qal tant tajjeb is-Sur Richard Matrenza fuq 'Management' u fuq ir-Rakkomandazzjoni Numru 119 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xoghol izda hu tal-fehma minn dak li rrizulta mix-xhieda li l-appellant kellu tahrig kemm mill-Manager, kemm mid-Direttur, kellu wkoll ta' spiss 'warnings' bil-fomm u anki bil-miktub izda jidher li ma tax kashom u hu stess invita lill-Manager biex ikeccih.

14. Award. Ghal dawn ir-ragunijiet u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b' hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

16 t'Ottubru 1980.

em